



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-13 ta' Frar 2014 — Il-Kummissjoni vs Il-Bulgarija

(Kawża C-152/12)

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Trasport — Direttiva 2001/14/KE — Żvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Unjoni — Tariffar tal-aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja — Artikoli 7(3) u 8(1) — Possibbiltà li tiġi riċevuta żieda fid-dħul — Spejjeż direttament imputabbli għall-operat tas-servizz ferrovjarju”

1. *Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Suġġett tat-tilwima — Determinazzjoni matul il-proċedura prekontenzjuża — Preċiżjoni tal-ilmenti inizjali fir-rikors promotur — Ammissibbiltà (Artikolu 258 TFUE) (ara l-punti 30, 31, 34)*
2. *Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Eżami tal-fondatezza mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 258 TFUE) (ara l-punt 60)*
3. *Trasport — Trasport ferrovjarju — Direttiva 2001/14 — Tqassim tal-kapaċitajiet ta’ infrastruttura ferrovjarja u ta’ tariffar — Tariffar tal-infrastruttura — Stabbiliment tad-dħul abbażi tal-ispejjeż diretti — Spejjeż direttament imputabbli lill-operat tas-servizz tal-ferrovija — Kunċett — Traspożizzjoni u applikazzjoni — Setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri (Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2001/14, Artikolu 7(3) sa (5) u (8)) (ara l-punti 62, 63)*
4. *Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Prova tan-nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Oneru li jaqa’ fuq il-Kummissjoni — Preżunzjonijiet — Inammissibbiltà (Artikolu 258 TFUE) (ara l-punt 74)*

#### Suġġett

Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikoli 7(3) u 8(1) tad-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta’ Frar 2001, dwar l-allokazzjoni ta’ kapaċità ta’ infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta’ piżijiet għall-użu ta’ infrastruttura tal-ferroviji u ċertifikazzjoni tas-sigurtà (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 5, p. 404) — Sistema ta’ tariffar tal-aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja — Kunċett ta’ “spiża direttament involuta bħala riżultat ta’ l-operazzjoni tas-servizz tal-ferrovija” [spiża direttament imputabbli fuq l-operat tas-servizz ferrovjarju] — Piżijiet li jeċċedu l-ispejjeż direttament imputabbli fuq l-operat tas-servizz ferrovjarju — Kundizzjonijiet ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2001/14/KE.

## Dispożittiv

- 1) Billi ppermettiet li jiġu inklużi spejjeż fil-kalkolu tad-dħul riċevut għall-provvisti minimi kollha u għall-aċċess min-netwerk għall-infrastrutturi tas-servizzi, jiġifieri r-remunerazzjonijiet tal-persunal u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, li ma jistgħux jitqiesu bħala direttament imputabbli għall-operat tas-servizz ferrovjarju, ir-Repubblika tal-Bulgarija naqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2001, dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji u ċertifikazzjoni tas-sigurtà, kif emendata bid-Direttiva 2007/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2007.
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika tal-Polonja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.